ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

**Minuti tal-412-il laqgħa tal-Kunsill li saret nhar it-Tlieta, 2 t'April, 2013.**

Il-laqgħa bdiet fis-6:20 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sur Joseph Buttigieg ippresieda l-laqgħa u feraħ lill-Kunsillieri eletti u awguralhom l-ħidma t-tajba għal-leġislatura ta' dan is-seba' Kunsill Lokali elett għal-lokalita' ta' Ħaż-Żabbar.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu l-Kunsillieri s-Sur Quinton Scerri, is-Sur Domenic Agius, is-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur John J Pace, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Marc Vella Bonnici, is-Sur Joseph Vella, is-Sur Brian Spiteri, is-Sinjura Anna Calleja u s-Sur Joseph Bonnici.

Is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-6.40 ta' filgħaxija.

Item 2 – Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Sindku

Is-Sur Buttigieg staqsa lis-Sur Quinton Scerri jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku bħala l-Kunsillier elett li fl-aħħar elezzjoni lokali kiseb l-għola għadd ta' voti mal-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri. Is-Sur Scerri aċċetta li jokkupa l-kariga ta' Sindku tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar u ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni tal-kariga. Is-Sur Scerri filwaqt li rringrazzja lill-Kunsillieri li servew fil-Kunsill preċedenti għax-xogħol li huma wettqu, rringrazzja lil kull min wera fiduċja fih fl-elezzjoni lokali.

Huwa awgura li dan il-Kunsill ikompli jaħdem għall-ġid ta' Ħaż-Żabbar u taż-Żabbarin, u saħaq dwar l-importanza li l-Kunsill ikun miftuħ għaċ-ċittadini billi jkun aktar trasparenti fl-operat kollu tiegħu u li r-residenti jiġu mistiedna jkunu aktar parteċipi fil-ħidma tal-Kunsill.

Item 3 – Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Viċi-Sindku

Is-Sur Scerri, li kompla jippresiedi l-laqgħa, talab lis-Sur Domenic Agius, li kiseb, wara s-Sur Scerri, l-għola għadd ta' voti fl-aħħar elezzjoni lokali minn fost il-kandidati tal-partit politiku li kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri għal-lokalità ta' Ħaż-Żabbar, jiddikjara jekk hux lest jaċċetta l-kariga ta' Viċi-Sindku.

Is-Sur Agius aċċetta li jokkupa l-kariga ta' Viċi-Sindku u ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni tal-kariga. Is-Sur Agius ukoll irringrazzja lil kull min tah l-appoġġ tiegħu fl-aħħar elezzjoni u lil dawk kollha li b'xi mod ħadmu għal ġid ta' Ħaż-Żabbar u tar-residenti. Is-Sur Agius appella biex il-Kunsillieri jibqgħu jaħdmu fl-aħjar interess tar-residenti u tal-lokalità.

Fis-6.40 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

Il-Kunsillieri l-oħra preżenti wkoll irringrazzjaw lil kull min wera fiduċja fihom fl-aħħar elezzjoni lokali u wegħdu l-impenn sħiħ tagħhom li jaħdmu biex il-komunità tkompli timxi 'l quddiem.

Il-laqgħa spiċċat fis-7:15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvat fil-413-il laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 11 t'April, 2013.

Quinton Scerri
Sindku